MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1591/2000/1

**Kenneth Borg**

**vs**

1. **FXB Joiners Limited**
2. **Raymond Scicluna**
3. **Martin Calleja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 31 ta’ Lulju 2000 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi l-attur kien impjegat bhala mastrudaxxa mas-socjeta` konvenuta FXB Joiners Limited, fejn il-konvenuti proprio huma ufficjali tas-socjeta`.

Billi fl-24 ta' Awwissu 1998, waqt li l-attur kien qed jahdem b'magna "bench saw" fl-imsemmija fabbrika, tajjar diversi bnadi ta' tliett (3) iswaba ta' idu x-xellugija.

Illi l-imsemmija "bench saw" qatt ma kellha "guard" kif suppost u kif rikjest mil-ligijiet dwar *health and safety.*

Illi b'rizultat ta' dan l-incident, l-attur sofra dizabbilta` permanenti f’ idu x-xellugija. Saru diversi interventi kirurgici, izda d-dizabbilta` baqghet hemm.

Billi l-*Health and Safety Unit* hadet passi kriminali kontra z-zewg konvenuti *proprio* minhabba l-kummissjoni ta' reat kontra l-ligijiet dwar *health and safety,* u konsegwentement l-attur ghandu d-dritt ghall-hlas minghandhom tad-danni naxxenti minn reat, u dan *'in solidum'* mas-socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta, interpellata tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni permezz ta' ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 1999, baqghet inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta u lill-konvenuti *proprio*, *'in solidum'* bejniethom, responsabbli ghall-incident li fih l-attur sofra dizabbilta` permanenti.

2. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta u lill-konvenuti *proprio*, *'in solidum'* bejniethom, responsabbli ghall-hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, inkluz telf ta' qligh.

3. Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.

4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta u lill-konvenuti *proprio*, *'in solidum'* bejniethom, ihallsu d-danni hekk likwidati u dikjarati bhala dovuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 1999, kontra l-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-7 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 9 ta’ Ottubru 2000 (fol 8) fejn esponiet : -

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu huma diretti kontra s-socjeta` huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* li ma huma bla ebda mod responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-attur billi l-incident mertu tal-kawza ma garax b'tort tal-eccippjenti ghax la kienu negligenti u lanqas traskurati kif allegat mill-istess attur.

2. Illi in kwantu l-istess talbiet attrici huma diretti kontra d-diretturi personalment dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez *stante* li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnhom u l-attur.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur datata 30 ta' Lulju 2003 a fol 83 tal-process.

Rat in-nota tal-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 20 ta' Awwissu 2003 a fol 86 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti iddikjarat maghluqa l-istadju tal-gbir tal-provi, u fuq suggeriment tal-Avukati prezenti ordnat li t-trattazzjoni issir permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti tat lill-attur zmien sal-5 ta' Mejju 2006 biex iressaq in-noti ta' sottomissjonijiet tieghu bil-*visto* tal-Avukat tal-kontro parti li jkollhom sad-19 ta' Gunju 2006 biex iressaq in-nota resposiva. Il-kawza giet differita ghat-28 ta' Gunju 2006 ghall-ezami tan-noti u jekk ikun hemm mehtieg sottomissjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur Kenneth Borg datata 5 ta' Gunju 2006 a fol 258 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuti kollha datata 6 ta' Settembru 2006 a fol 272 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Dicembru 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha inkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b' ordni tal-Qorti diversament presjeduta l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, peress li l-Qorti kellha bzonn iktar zmien biex tirredigi s-sentenza minhabba impenji ta' xoghol, il-kawza giet differita ghas-26 ta' Gunju 2014 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta b'surroga datata is-16 ta' Jannar 2014.

Din hija kawza li tirrigwarda korriment li sehh fuq il-post tax-xoghol fil-kors tal-impieg tal-attur mas-socjeta` FXB *Joiners Limited* fl-24 ta' Awwissu 1998. L-attur sofra danni ingenti kif ukoll debilita' permanenti konsegwenza ta' dan l-incident.

Il-konvenuti eccipew li mhumiex responsabbli ghad-danni filwaqt li l-konvenuti proprio eccipew li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnhom u l-attur.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti.

L-attur kellu incident fuq il-post tax-xoghol fl-24 ta'Awwissu 1998. Dak iz-zmien kien jahdem ta' mastrudaxxa ma' FXB Ltd., meta tlett iswaba ta' jdejh ix-xellugija kienu nqabbdu f'magna li taqta' l-injam. Kien ittiehed l-isptar San Luqa fejn instab li kellu dawn il-griehi f'idejh tax-xellug:

1. Frattura ta' l-ghadma tat-tarf tas-saba' l-kbir u lacerazzjoni fuqha.

2. Lacerazzjoni fid-difer u t-tessuti ta' tahtu tat-tieni saba'.

3. Lacerazzjoni tad-difer u t-tessuti ta’ tahtu tas-saba’ tan-nofs u ksur ta’ l-ghadma tat-tarf.

Il-lacerazzjonijiet gew suturati l-isptar u dawn fiequ fi zmien sitt gimghat, izda hallew certu difetti u diformita’ li gieghlu lill-pazjent jikkonsulta lill-kirurgu F. Darmanin, li ghamel intervent fuq l-id ix-xellugija fl-24 ta’ Novembru 1999.

Waqt l-operazzjoni, d-dwiefer tat-tieni saba’ u s-saba’ tan-nofs u t-tessuti ta’ tahthom gew rikostruwiti.

L-attur dam jattendi ghal sitt gimghat ghall-ezercizzji ta’ jdejh bhala *outpatient.* Ma setax jahdem u tilef il-post tax-xoghol tieghu ma’ FXB sena wara l-incident.

Sitt xhur wara dahal jahdem bhala *delivery man.*

Bhala fatt jirrizulta mill-provi li l-attur wegga' f'incident li sehh meta kien qed jopera lupa fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta. Dan hu wkoll ikkorroborat bix-xhieda tal-konsulent **Francis Xavier Darmanin** (fol.43 u 44) li accerta li l-*injury* hu kkagunat minn lupa, ossia makkinarju elettriku li jaqta’.[1] Inoltre, l-espert mediku kkonkluda li l-attur sofra dizabbilta' permanenti b'rizultat tal-incident.

**Grad ta' Dizabbilta`**

[1] Xhieda a fol 49 tal-process.

Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2003, Dr. Tonio Azzopardi ghall-attur talab li jigi esebit decizjoni ta' l-arbitragg numru 127/00, mahtur taht l-Att ta' 1987 dwar is-Sigurta' Socjali, liema dokument hu datat 13 ta' Gunju 2000, senjatament il-paragrafu penultimu, kif ukoll dak ta' l-ahhar, fejn hemm indikat li l-arbitru Dr. Robert Mangion, kien talab il-parir tal-Bord Mediku, nkluz Profs. Charles Swain, li min-naha tieghu kien iccertifika li l-attur sofra dizabbilta` permanenti ta' 10%.

Profs. Swain iddikjara li sa fejn jaf hu, l-ewwel darba li ra l-attur kien wara l-hatra tieghu mill-Onor. Qorti u ghalkemm jista' jaghti l-kaz li seta' kien ezamina lill-attur qabel, ghall-finijiet ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali, huwa fatt li l-istess espert kirurgu wasal biex illikwida il-percentwali ta' dizabbilta' fis-7%, indipendentement minn kwalsiasi konsiderazzjoni ohra, ghajr li fil-mument ta' l-ezami huwa deherlu li  l-percentwali ta' dizabbilta' ta' l-attur hi dik ta' 7% minnu stabbilita.

Il-Qorti, diversament presjeduta, fl-4 ta' Novembru 2003 iddecidiet li fil-kaz prezenti ma ntweriex li d-dokument li l-attur ried iressaq jaqa' taht xi wahda mic-cirkostanzi mahsuba fl-Artikolu 150(1) tal-Kap 12. B'hekk it-talba ta' l-attur giet michuda.

**Kenneth Borg** xehed li waqt l-impieg tieghu ma' *FXB Joiners* bhala mastrudaxxa kellu *accident* fuq lupa u tajjar zewgt iswaba fl-24 ta' Awwissu 1998. Kien ilu jahdem maghhom tlett snin. Hadem fuq magni differenti bhat-2P, lupa u cana.

Il-lupa ma kellhiex ditta peress li giet mahduma mis-socjeta` konvenuta stess. Din il-lupa qatt ma kellha *guard* fuqha. Spjega li ma setax jirrifjuta

li jahdem fuq din il-magna, ghax qal li hemm ix-xoghol tieghu fin-nofs u kienu jkeccuh.

Dak inhar ta’ l-incident mertu tal-kawza,  kien qed iqatta’ l-*oak*, fallakka, tul xi tlett piedi u 20mm hxuna, fuq il-lupa li ghandha bicca hadida fuq wara li qeghda hemm sabiex l-injama ma tinbaramx, izda din xorta wahda inbarmet, bil-konsegwenza li z-zewgt iswaba tieghu dahlu gol-lupa.

Xehed li kien qed jimbotta b’idejh u meta mistoqsi jekk kellux injama ohra sabiex jimbotta rrisponda:

*“Ma kellix, ma kellix. Qatt ma tawna oggetti li nkunu ‘safe’ ahna fuq ix-xoghol.”*

Tal-‘*Health and Safety’* kienu marru fuq il-post tax-xoghol xi xahrejn wara, u dan wara li gew infurmati bl-incident mill-Avukat difensur ta’ l-attur.

Dakinhar ta’ l-incident baqa’ sejjer l-isptar u hareg fl-istess jum. Gie operat  sitt xhur wara.  Wara, hareg bl-*injury leave*.

Bhalha paga kien jithallas hamsin Lira Maltin fil-gimgha (Lm50). Imbaghad, wara li ghaddiet sena rega mar lura fuq il-post tax-xoghol u qalilhom li kien lest jerga' jibda jahdem, izda li ma setax jahdem fuq magna. Huma qalulu *“Mela tista’ taqbad u titlaq ‘l barra”.*  B’hekk, l-impieg tieghu gie terminat wara sena.

Fid-data tas-seduta meta kien qed jixhed u cioe` fit-22 ta' Novembru 2000, kien qed jahdem bhala *delivery man.*

Ezebixxa tlett *payslips* immarkati Dok PS1, PS2 u PS3 u jinsabu a fol. 71 *et* seq.

**Noel Cachia,** *Senior Inspector* fl-*Occupation and Health and Safety Unit* xehed estensivament li sar jaf bl-incident mertu tal-kawza odjerna permezz ta' ittra li rcevew minghand Dr. Tonio Azzopardi. Marru fuq il-post u raw il-magna li fuqha korra l-attur. Ghamlu investigazzjoni hemmhekk u tkellmu mal-haddiema li setghu kellhom konnessjoni ma' dak ix-xoghol. Hadu l-passi necessarji, u fethu proceduri kriminali.

Meta kienu fuq il-post ezaminaw il-magna. Sabu li kienet *cutting machine,* (lupa), li taqta' l-injam. Irrizulta li l-injam li kien qed jigi maqtugh kien *oak*. Dan huwa injam iebes, ta' *fine grain* li jirrikjedi *precautions* addizzjonali u cioe` *riving knife* li tiftah fejn tkun il-qata'. Spjega li jekk ma jkollokx il-*guard* ta' l-apposta, r-*riving knife* thalli l-injama miftuha u l-injama terga' taghlaq bic-cans li tispara lura.

Il-magna ma kenitx fl-istat kif tigi mportata minn barra.

Spjega li l-magna tkun robusta hafna, u meta timportaha ikollha s-*surface* jizloq biex tghaddi l-injam minn fuqu. Meta tigi maghmulha bl-idejn id-differenza tkun tidher.

Spjega li l-attur korra peress li l-injama sahnet, bdiet tissara kontra s-sahha tar-rota, li bi frizzjoni sahnet, bil-konsegwenza li kif ggamjatlu sparat lura u wegghatu.

Xehed li *ai termini* ta’ l-Artikolu 51 tal-*Health and Safety Regulations* tan-1986, min iwegga fuq il-post tax-xoghol u jkun inkapaci ghax-xoghol ghal tlett ijiem ta’ xoghol konsekuttivi, min ihaddmu irid javza l-awtorita’ taghhom.

Meta marru fuq il-post fejn sar l-incident mertu tal-kawza odjerna, ittiehdu r-ritratti li jinsabu ezebiti f’pagna 55 sa 58 tal-process.[2]

Meta gie mistoqsi jekk meta marru fuq il-post ta’ l-incident jekk sabux *guard* installata wiegeb fin-negattiv, izda l-principal qal li kienet qeghda imdendla vicin il-magna u seta juzaha kieku ried.

Qal li t-tip ta’ l-injam li kien qed jintuza dakinhar kien *American oak* u dan jirrikjedi *riving knife* li tiftah fejn tkun il-qata’. Dak il-process ta’ xoghol jirrikjedi li tkun imharreg u l-haddiem ma kienx imharreg fuq dak it-tip ta’ xoghol. Jirrikjedi wkoll supervizjoni tajba u jirrikjedi li juza s-*safety features* li ghandek bzonn.

Il-fattur principali huwa li ma kienx hemm ir-*riving knife* u peress li l-*American oak* hu materjal iebes u *fine grain,* idejalment jkollok zewg haddiema, wiehed *jiffeedja* u l-iehor jilqa’ min-naha l-ohra.

[2] Ara ukoll dokument intestat *safety information sheet (*Dok NCA) esebit mix-xhud.

Skont il-ligi kull bicca xoghol li ssir, irid isir *risk assessment* qabel taghha, irrelevanti x'inhi x-xoghol. Ghalhekk, huma jistghu jmorru u jistaqsu ghar-*risk assessment* ta' ebda process ta' xoghol anke preventivament.

Fuq dan Il-kaz nfethu proceduri kriminali, wara li ghaddew ic-*charge sheet* lil Kummissarju tal-Pulizija u cioe` **Dok NCB.**

Ezebixxa kopja ta' l-istqarrija maghmula lilu mill-attur **Dok NCC,** li tispicca billi tghid:

*"Jiena qatt ma nghatajt tahrig mehtieg u qatt ma kelli supervizjoni kontinwa mieghi."*

Dan minkejja illi d-Diretturi ta' FXB qalu li tawh tahrig, izda fl-opinjoni tieghu ma kienx bizzejjed, peress li huma ghandhom l-obbligazzjoni li jaghmlu *re-enforcement* u li t-tahrig ikun kontinwu u supervizjoni adegwata.

Ghamel referenza ghad**-Dok R1** li jinsab f'pagna 55 tal-process u qal li dik hi l-*guard.*

Meta saret l-*inspection* huwa ftakar li kienu talbu lid-Diretturi tal-FXB biex jaqilghu l-*guard* waqt l-ispezzjoni biex juru kemm hu facli jew mhux facli li tinqala. Pero', mill-indagini li ghamlu huma, ma rrizultax li l-*guard* kienet qieghda hemm waqt l-incident, izda kienet imdendla f'post iehor. Dan minn informazzjoni moghtija minn xi haddiema.

Xehed li l-*guard* kienet disponibbli ghall-impjegat waqt dan it-tip ta' operazzjoni ta' injam, izda mill-indagini li ghamel mal-haddiema, ma kenitx qeghda fuq il-magna fil-hin li gara l-incident.

Id-diretturi tal-kumpannija qalu li jhallu l-*guards* hemm hekk u min irid juzahom. Izda, l-argument taghhom kien illi huma jesigu li jsir *enforcement,* u jekk ma juzawhomx ghandhom jiehdu passi. Dana fid-dawl tar-regolamenti taghhom li jghidu li trid tipprovdi *Personal Protective Equipment,* kif ukoll *protection/safety devices* li jridu jigu pprovduti u accertati li qed jigu uzati.

Huwa ssostni li d-Direttur kellu jaghti *warnings* meta l-*guard* kapricozament ma tigix utilizzata, minkejja li mistharreg fil-mestier u b'esperjenza ta' tlett snin. F'dan il-kaz ma rrizultax li nghataw *warnings* lill-attur, u d-Direttur meta mistoqsi fuq hekk qal li *written warnings* ma jinhargux. Id-Diretturi, anke ma' haddiema ohra, semplicement kienu jghidulhom u juruwhom fejn hi l-*guard.* Izda, imbaghad jekk ma jobdux ma tittiehed ebda azzjoni kontrihom.

**Martin Calleja** Direttur fil-kumpannija konvenuta kkonferma li fiz-zmien tal-incident hu u l-konvenut l-iehor Raymond Scicluna kienu jiehdu hsieb ix-xoghol, u jahdmu flimkien mal-haddiema u jiehdu hsiebhom.

Xehed li l-attur kien ga impjegat ma' kumpannija ohra, mill-istess grupp ta' FXB, u cioe` ma' FXB Contracts Ltd., bhala *fitter* meta gie impjegat mas-socjeta` konvenuta.

Il-magna li fuqha sar l-incident kienet ilha ghand il-kumpannija minn mindu twaqqfet, u kemm dam jahdem hemm hu ma sarux tibdiliet fiha l-magna, hlief xi haga zghira bhal bdil ta’ *extractor*.

Qal li l-attur kien attenda skola ta’ snajja bi kwalifiki mehtiega.

Qal li kienet regola tal-kumpannija li *safety audit report* isir fuq il-makkinarju tal-kumpannija. Qal li l-magna dejjem tkun bil-*guard.*

Fiz-zmien meta nqala’ l-incident ix-xoghol li kien qieghed jaghmel l-attur, dak inhar ta’ l-incident kien jinnecessita li l-magna tkun minghajr *guard.*

L-attur kellu diga certu snin esperjenza fil-hidma tal-fabbrika u l-impjanti taghhom.

Spjega li l-attur ma nghatax tahrig, peress li ma kellux bzonn tahrig, minhabba li kien involut f’hafna xoghlijiet u thaddim ta’ magni qabel dak iz-zmien.

**Rapport Mediku ta’ Mr. Francis Xavier Darmanin:**

Ir-rapport mediku ta’ Mr. Francis Darmanin, *plastic surgeon,* jinsab ezebit a fol.43 tal-process. Hu ra lill-attur ghall-ewwel darba fit-13 ta’ Novembru 1998, b’korriment fl-id ix-xellugija tieghu. Qallu li tlett iswaba nqabdu f’magna.

Gie kkurat mit-tobba ta’ l-emergenza, San Luqa fejn instab li:

*“...he had sustained soft tissue and bony injuries to the distal phalanx of the left thumb, proximal and distal phalanx of the index and middle fingers.”*

L-attur gie operat minnu fl-24 ta’ Frar 1999 fl-isptar San Luqa *“to reconstruct the index and middle fingers of his left hand.”*

Mr. Darmanin jaghlaq ir-rapport tieghu billi jikkonkludi li:

*“With such an injury, apart frm the unacceptable ppearance of the fingers, Mr. Borg can perform most of the daily activities requiring the use of his injured non-dominant left hand. However he may find it very difficult to use his index and middle fingers for very fine or delicate actions.”*

Konsegwentement, spjega li l-attur kien wegga’ s-swaba ta’ idejh ix-xellugija, l-*index,* il-*middle u* ftit ukoll s-saba’ l-kbir. Kellu *injuries* li nvolvu kemm l-ghadam kif ukoll is-*soft tissues,* u l-laham ta’ madwaru, partikolarment il-parti tad- *dorsum,* il-parti tad-dahar ta’ l-id.

Meta operah fl-24 ta’ Frar tas-sena 1999, l-operazzjoni kienet fuq id-dwiefer taz-zewgt iswaba, u cioe` l-*index* u l-*middle* ta’ idejh ix-xellugija. L-attur gie operat ukoll fuq il-gogi u s-*soft tissue* ta’ l-istess swaba. B’hekk, spjega li l-intervent fuq l-id kien pjuttost estensiv u dana peress li kien jinvolvi zewgt iswaba.

Qal li l-intervent bhala rizultat kosmetiku estetiku kien sodisfacenti, izda bhala funzjoni l-*index,* it-tieni saba' ta' l-id ix-xellugija ma kenitx perfetta, peress li kellu nuqqas ta' sensazzjoni f'naha.

Il-*middle finger,* u cioe` t-tielet saba' rega tghawwiglu kif kien qabel, u ghalhekk fil-*middle finger* l-operazzjoni ma kenitx daqshekk sodisfacenti. Kellu ukoll nuqqas ta' sensazzjoni fuq naha, jigifieri kellu nuqqas ta' sensazzjoni minn zewgt iswaba. Dan huwa *injury* ta' lupa, makkinarju elettriku li jaqta'. Qal li b'konsegwenza ta' l-incident certu *reactions* ma jkunux hemmhekk. Meta gie mistoqsi jekk jista' jerfa twavel twal u affarijiet tqal, irrisponda fil-pozittiv peress li l-attur huwa *right-handed.*

**<u>Rapport tal-kirurgu Charles Swain:</u>**

Il-kirurgu Charles Swain gie nominat minn din Il-Qorti, diversament presjeduta, fid-19 ta' Novembru 2001 u ezamina l-attur  fl-14 ta' Frar 2002.

Bhala ilmenti l-attur qal li sebghu l-kbir m'ghandux sahha fih daqs qabel. Iz-zewgt iswaba l-ohra difficili biex jaqbad u jerfa' bihom u ma jistax jaghmel xogholu li jirrikjedi movimenti precizi tas-swaba.

Meta ezaminah, il-kirurgu sab li l-attur kien jidher ragel b'sahhtu u l-mankamenti li ghandu huma limitati ghall-id tax-xellug. Is-saba' l-kbir jidher li hu imfejjaq b'cikatrici fit-tarf tieghu. It-tieni saba' baqa' mghawweg u jidher iqsar. Ma jiddrittax fit-tarf.

Hemm nuqqas ta’ sensazzjoni fil-burdura ulnari ta’ dan is-saba’. Is-saba’ tan-nofs jidher iqsar u deformat. It-tarf tieghu ftit imdawwar u ma jiddrittax. Hemm nuqqas ta’ sensazzjoni fil-burdura radjali tieghu.

Il-kirurgu kkonkluda li l-attur ghandu dizabbilta` permanenti bhala rizultat dirett ta’ l-incident li kellu fuq ix-xoghol fl-24 ta’ Awwissu 1998. M’hemmx cans li din titranga. Wara li kkonsulta l-iskedi tad-dizabbilta` permanenti u wara li ha qis tal-funzjonalita’ ta’ id l-attur, jikkonsidra li din id-dizabbilta` tammonta ghal **7%.**

**Neil Pace,** mastrudaxxa impjegat mal-kumpanija konvenuta FXB Joiners Limited xehed li jaf b’dak li gara lill-attur u jaf ukoll fuq liema magna kien qed jahdem meta sehh l-incident.

Din il-magna hija lupa normali, izda ta’ l-injam mastizz u mhijiex magna gdida. Il-magna fiha lqugh jew *guard* biex tghatti l-lupa.

Dak il-hin meta l-attur kien qed jaqta’ l-injam ma kienx hemm il-*guard* fuq il-lupa, pero’, l-injam li kien qed jaqta’ kien *guard* fih innifsu ghaliex il-lupa ma tgholliex daqs kemm kienet gholja l-injama.

Ma rax l-incident isehh peress li dak il-hin ma kienx hdejn l-attur.

Meta sehh l-incident il-*guard* tal-magna tal-lupa kien imdendel.

Il-*guard* huwa tal-hadid qisha *cover* li tghatti l-parti li tkun mikxufa tal-lupa qisha *mudguard* ta’ mutur jew rota.

Fiz-zmien li sehh l-incident l-impjegati kienu juzawha l-*guard* tal-lupa. Il-magna  tintuza minn hafna impjegati.

Dak inhar ta’ l-incident il-magna ntuzat minn impjegati ohrajn, wara li tnaddfet.

**Raymond Scicluna,** Direttur mal-kumpannija konvenuta, ezebixxa **Dok RSA** datata 1 ta’ Marzu 2004 li huwa *safety audit report on cross-cut machine,* li gie redatt mill-Inginier Carmel J. Cuschieri fuq inkarigu ta’ Raymond Scicluna stess.

Ix-xoghol li kien involut fih l-attur, matul il-fazijiet kollha ta’ l-impieg tieghu, fi hdan l-FXB Group, kienu in konnessjoni ma’ xoghol ta’ injam.

Il-magna u cioe` *chain saw,* mertu ta’ l-incident, hadmu fuqha diversi impjegati tal-kumpanija, fosthom huwa stess, u anke l-konvenut l-iehor Martin Calleja.

Il-magna ngiebet mill-fabbrika tal-kumpannija f’Ghawdex, u sakemm inqala’ l-incident, ma kien sarilha l-ebda tibdil jew aggustamenti.

Wara l-incident qabbad l-inginier Camilleri li gibidlu l-attenzjoni rigward il-*panels* li minn *chip-board* ghamilhom tal-hadid, u l-*extractor sylo* twahhal ukoll wara l-incident.

Il-magna kellha u ghandha *guard*. Spjega li l-*guard* tal-magna ma tistax tintuza ghat-tip ta' injama li kien qed jaqta' l-attur meta nqala' l-incident.

L-ewwel *safety audit report* kien dak datat 1 ta' Marzu 2004. L-ispetturi tal-*health and safety* kienu marru fuq il-post ta' l-incident qabel 2004. Fid-data ta' l-incident, l-irbar tal-lupa ma kienx armat, pero' kien qrib Il-magna. Ikkonferma li l-magna li fuqha korra l-attur kienet *home made.*

L-attur kien ilu impjegat ma' FXB Group, u cioe` ma' FXB Contracts Ltd., sa mis-6 ta' April 1995 u x-xoghol li kien jaghmel kien ukoll jinkludi xoghol fuq il-magni.

Fil-hin ta' l-incident, il-magna li fuqha korra l-attur ma kellhiex l-irpar u ma kenitx armata s-sikkina. L-armar ma setghetx tevita l-incident in kwistjoni peress li fil-kaz partikolari, biex l-attur seta' jaqta' t-tip ta' injama ezebita fl-atti bilfors kellu jnehhi l-irpar.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR IR- RESPONSABBILTA`</u>**

Bhala principju generali l-harsien tas-sahha u s-sigurta' fuq ix-xoghol ghandu jitqies ta' interess pubbliku"[3]. Huwa dmir ta' min ihaddem li

[3] Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) ta' l-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta.Sussegwentement dan l-obbligu kompla jigi regolat bl-Avviz Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18) u l-Avviz Legali 44 ta' l-2002

jipprovdi dik li tissejjah bhala *"a safe system of work",* b'dan li huwa obbligu tieghu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji ghas-sahha u l-hajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-**Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol-Att Numru VII ta' l-1994** fl-**artikolu 2(2)(a) u (b)**[4] li jelenka b'mod generali d-dmirijiet ta' min ihaddem. Ukoll *"Huwa dmir ta' kull min jahdem fuq post tax-xoghol li jhares is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema l-ohra fl-istess post, kif ukoll tieghu stess"* (**Art. 2(2) (c) Att. VII tal-1994.)**

L-**Avviz Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18)** jelenka b'mod generali d-dmirijiet ta' min ihaddem. Per ezempju, fir-**Regolament 5** titolat "Dmirijiet Ulterjuri" hu stipulat li :-

*"Minghajr hsara ghall-generalita` tad-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min ihaddem ghandu, wara illi jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriza u, jew ta' l-istabbiliment:-*

*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita r-riskji ghas-sahha u s-sigurta`;*

(b) *jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta` tal-haddiema illi ma jistghux jigu evitati, u ghandu jikkontrollahom mill-bidu;...."*

Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawza, fl-ismijiet ***"John Sultana vs Francis Spiteri et noe",*** *deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979*, *"min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem.*"

[4] Ara per.es.- "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe"** (K. 28 ta' Mejju 1979); **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe"** (A.C. 7 ta' Dicembru 1994); **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** (P.A. 12 ta' Frar 1999)

Gie ritenut ukoll li *a safe system of work* u *a safe working environment* ifissru li min ihaddem hu obbligat li jassigura li *"l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jaghti x-xoghol ghandhom jigu regolarment mantenuti u mizmuma hielsa minn difetti u mankanzi* "- **“Julie Scicluna pro. et. noe. vs Sammy Meilaq nomine et.”** (Citazzjoni numru 11/92 DS).

*Inoltre,* gie ndikat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-haddiema tieghu jkunu mharrga ghat-tip ta’ xoghol li jkunu mqabbda jaghmlu.

Il-hsieb legali fil-materja gie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza bl-ismijiet "***Francis Buhagiar et. v. Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et".*** - dec. fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-tezi li *"tezisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oggettiva li tpoggi lill-imghallem li jaghmel tajjeb-billi jerfa' r-responsabbilta' - tas-sinistru li jkun sehh*". Kompliet "*Kif tajjeb gie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali taghna dwar responsabbilta` fejn jirrizulta event dannuz hija 'fault-based.' Fi kliem iehor f’kull kaz irid ikun hemm nexus ta’ bejn il-kawza u l-effett ghal dak li jkun gara."*

Fil-kaz citat, il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xoghol li l-attur/appellant kien gie mqabbad li jaghmel kien jinvolvi xejn riskjuz - ma nghatax attrezzi difettuzi u lanqas kien jirrizulta xi forma ta’ ness bejn l-event dannuz u r-responsabbilta` tal-“employer” talli ma pprovdiex “a safe system of work” lill-impjegat tieghu.

Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet ***"Bugeja vs Montanaro Gauci*" -** deciza 14 ta' Mejju 2004**,** "*huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work".*

Hu daqstant minnu izda, li, min ihaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara ***"Grech vs Farrugia",*** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994). Hekk ukoll gie ritenut fil-kawza **"*Borg vs Wells"*** (deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981) *"In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work"* u " *dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol u nuqqas ta' haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu".*

Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-haddiem li joqghod attent waqt l-ezekuzzjoni ta' xogholu - ghalhekk min ihaddem m'ghandux ikun tenut li jipprovdi kontra negligenza grassa, ghax anke l-haddiem hu mistenni li joqghod attent u juza d-diligenza fuq il-post tax-xoghol. Il-haddiem ghandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xoghol, u m'ghandux jaghmel manuvri azzardati li jzidu r-riskju tal-hsara *(ara* "**Sciriha vs O'Flaherty noe",** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Mejju, 1994).

Il-kriterji applikabbli in materja gew migbura fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet ***"Paul Grech vs Carmelo Bugeja et"*** deciza fid-9 ta' Ottubru, 2006 minn din il-Qorti diversament presjeduta inghad li:

"*Id-doveri ta' sid ta' entrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma li:*

*A. il-haddiema ghandhom jahdmu f'post tax-xoghol li ma jkunx perikoluz taht ic-cirkostanzi tat-tip ta' xoghol [safe place of work];*

*B. il-mod kif isir ix-xoghol [bhala sistema] m'ghandux ikun wiehed perikoluz [safe system of work]; hemm erba' elementi li jirrendu a system of work unsafe –*

*a. that the defendant's operations involved a risk of injury which was reasonably foreseeable;*

*b. that there were reasonably practicable means of obviating such risk;*

*c. that the plaintiff's injury was caused by the risk in question;*

*d. that the failure of the defendant to eliminate the risk showed a want of reasonable care for the plaintiff's safety;*

*C. il-fatt li l-mod kif isir ix-xoghol ilu stabbilit ghal zmien twil ma jfissirx necessarjament li s-sistema hija necessarjament wahda li ma fihiex perikolu;*

*D. il-haddiema jkollhom ghodda li ma twassalx ghal perikolu [safe tools and proper machinery];*

*E. il-haddiema ghandhom ikunu mghallma tajjeb ghat-tip ta' xoghol li qed jaghmlu [properly skiller workers];*

*F. min ihaddem m'ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhomx stharrig; hu importanti wkoll li wiehed jara kemm ilu jahdem f'dak it-tip ta' xoghol il-haddiem;*

*G. ir-responsabbilta` tas-sid tizdied jekk il-haddiem jirrileva xi perikolu involut u s-sid jinjora dan il-fatt;*

*H. il-haddiema ma ghandhomx ikun traskurati b'mod li jzidu l-perikolu;*

*I. kull min jimpjega haddiema ghandu l-obbligu li jonora l-ligi generali tal-pajjiz".*

Ukoll fil-kawza deciza minn din il-Qorti *per* Imh. D. Scicluna, fil-kawza fl-ismijiet "**Grezzju Portelli vs Godfrey Leone Ganado ghan-nom tal-Enemalta Corporation *et "(***deciza 15 ta' Dicembru, 2005) inghad li:

*"Kwantu mbaghad ghat-Telemalta, kull employer huwa obbligat jipprovdi a safe system of work. Hawn, in-nuqqasijiet tat-Telemalta huma evidenti: la kienet tipprovdi xi forma ta' safety equipment, ma ntalbitx is-sospensjoni tad-dawl sakemm isiru x-xoghlijiet u lanqas kienet tipprovdi*

*training adegwat ghal xoghol li talvolta seta' jkun perikoluz (ghalkemm f'dan il-kaz l-attur kien ilu jahdem f'dan ix-xoghol madwar tnax-il sena u ghalhekk kellu esperjenza sostanzjali tant li mill-provi rrizulta li qatt ma kellu incidenti ohra)."*

Dwar il-htiega ta' supervizjoni, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' April 2007, (per l-On.Imhallef Dr. T. Mallia,) fil-kawza fl-ismijiet "***Mayer Scicluna vs T.N. Waterproofing Limited"***:

"*Din il-Qorti, diversi drabi wkoll sahqet fuq il-htiega ta` supervizjoni ("**Agius vs All Services Ltd**", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Gunju, 2005), u f`dan il-kaz dan kien mehtieg mhux biss biex jigi assikurat li l-lant tax-xoghol kien safe, izda biex jassigura wkoll li l-haddiema juzaw l-apparat kollu fornit lilhom."*

Ukoll issir referenza ghall-kawza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs Attard"***, deciza fit-2 ta` Settembru, 1999 fejn intqal:

"*Min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm available apparat ta` safety, izda ghandu jinsisti mal-foreman li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu tal-apparat, u jara li din l-ordni tigi segwita*."

**<u>Applikazzjoni tal-Principji ghall-fatti</u>**

Mir-rizultanzi processwali l-Qorti hija soddisfatta li s-socjeta` konvenuta naqqset mill-obbligi taghha lejn l-attur biex tassigura ambjent tax-xoghol

li hu "*reasonably and foreseaably safe."*. Din il-konkluzjoni tohrog mis-segwenti fatti ippruvati:-

i. Li l-magna ma kellhiex *safety guard* stallata meta korra l-attur. Tant hu hekk li l-konvenuti, Diretturi tal-Kumpanija konvenuta, sahanistra jsostnu li il-hxuna tal-injam li kien qed jahdem fuqu l-attur ma kenitx tippermettilu li juza l- *guard.*

ii. Li l-attur ma kellux *safety gloves.*

iii. Li ghalkemm kien hemm *safety guard* disponibbli ghall-impjegati, pero' ma jirrizultax li kien hemm insistenza u sorveljanza mill-kumpanija biex dan jigi stallat fuq il-magna.

iv. Ma sarx *risk assessment* mill-kumpanija fuq il-magna in kwistjoni qabel ma intuzat.

v. Ma sarx *safety audit report* fuq il-magna in kwistjoni li kienet *home made.* Skont l-Ispettur tal-Awtorita` l-fatt li l-magna kienet *home made* ikkontribwixxa ghall-korriment in kwantu li ikkaguna frizzjoni minhabba li l-wicc ma jizloqx bhal ma wiehed issib f'magni impurtati.

vi. Ghalkemm l-attur kien jahdem f'oqsma ohra tal-FXB Group, ix-xoghol tieghu kien ta' *joiner* hu kien juza magni izghar u ma inghatax tahrig partikolari biex jopera l-magna in mertu.

vii. L-attur ma kienx qed juza *wood pushing tool* biex jimbotta l-injama fil-magna u ma jirrizultax li kien hemm xi insistenza mill-kumpanija konvenuta biex juza din l-ghodda.

viii. Ma kienx hemm *riving knife* mehtieg ghall-injam *oak* li huwa injam iebes, Skont Noel Cachia, jekk ma jkollokx il-*guard* ta' l-apposta, r-*riving knife* thalli l-injama miftuha u tevita incidenti.

Dwar l-uzu ta' *safety guard,* l-*audit report* tal-Inginier Cuschieri esebit mill-konvenuti jghid li "*The guard on top of the rotary cutter is always kept in such a position to cover the topmost 15mm of the cutter."* Dan ir-rapport sar bosta snin wara l-incident izda l-htiega tal-guard jirrizulta li hu essenzjali sabiex jigi zgurat is-sigurta` tal-haddiem fl-operazzjoni fuq din il-magna.

Il-Qorti ikkonsidrat li x-xhieda ta' Noel Cachia hi wahda teknika u ma gietx kontradetta fil-materja teknika taghha mill-konvenuti. Ghalhekk tqies li x-xhieda tieghu hija affidabbli fil-materja teknika tal-kaz.

Hu spjega d-dinamika tal-incident u qal li: *"ma kienx hemm ir-riving knife u peress li l-American oak hu materjal iebes u fine grain, idejalment jkollok zewg haddiema, wiehed jiffeedja u l-iehor jilqa' minn-naha l-ohra."*

Dan certament ma sehhx fil-kaz odjern ghaliex is-socjeta konvenuta assenjat dan ix-xoghol, meta d-diretturi stess ammettew li l-*guard* ma setax jintuza ghall-qtugh tal-injam in mertu, lil bniedem wahdu.

Il-Qorti tqis li l-atteggjament tal-kumpanija konvenuta, *qua* l-*employer,* kien pjuttost wiehed ta' *laissez faire* minghajr rigward ghall-htigijiet l-iktar bazici ta' sahha u sigurta fuq il- post tax-xoghol u dan jikkostitwixxi ksur flagranti tal-obbligazzjonijiet naxxenti mill-Ligi u mill-kuntratt ta' xoghol bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-korriment tal-attur.

## L-ECCEZZJONI TAL-KONVENUTI CALLEJA U SCICLUNA *PROPRIO*

Martin Calleja u Raymond Scicluna eccipew li m'ghandhomx relazzjoni guridika mal-attur.

Il-Qorti qabel xejn trid tezamina din l-eccezzjoni fl-isfond tat-talbiet attrici. Jidher mill-premessi li l-attur qed isejjes l-azzjoni tieghu sew fuq l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta' xoghol mas-socjeta` konvenuta sew abbazi ta' dritt ghad-danni kontra l-konvenuti *proprio "naxxenti minn reat."*

Ikkonsidrat li incident simili jista' jaghti lok ghal zewg tipi ta' azzjoni, kemm dik ghar-risarciment tad-danni kontrattwali, kif ukoll ghar-rizarciment tad-danni naxxenti mill-fatt illecitu.

Dan gie spjegat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "***Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri*"** deciza fid-19 ta' Frar 1954 per Sir.Luigi Camilleri, fejn irriteniet li "*wiehed mill-kriterji sabiex jigi deciz jekk il-fatt*

*hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali.".*

Inoltre hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilta' kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif gie deciz fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Vassallo vs Mizzi et**", deciza fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "*l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ' ex nunc'. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilta' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilta' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilta' kontrattwali l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. B'hekk ir-responsabbilta' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.

Illi jinghad li skont l-**skont l-artikolu 1031 tal-Kap. 16** *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* u hawn jidhol il-kuncett ta' culpa li jikkonsisti mill-*"(1) volontarieta' dell'atto; (2) mancata previsione dell'effetto nocivo e (3) possibilita' di prevedere"* (Carrara. Parte

Generale Vol. I para 80) tant li f'para 83, dan l-awtur jirrabidixxi li *"....l' essenza della colpa sta tutta nella previdibilita'."*

L-attur issottometta li l-azzjoni odjerna ghandha n-natura ta' azzjoni ghad-danni naxxenti minn offiza kriminali u l-premessi tac-citazzjoni fil-fatt jaghmlu riferenza ghall-proceduri kriminali kontra l-konvenuti u l-attur talab il-kundanna taghhom *in solidum.*

Kif jghid l-awtur ***Laurent***[5] "*Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il-quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario."*

Kontra dan l-istess konvenuti issottomettew li gew iccitati fil-proceduri kriminali fil-kwalita' taghhom ta' Diretturi tal-Kumpanija konvenuta (ara *charge sheet* a fol.110 tal-process.

Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni. Hija cara li l-azzjoni kriminali ittiehdet kontra d-Diretturi ghaliex kumpanija, li hija persuna legali, ma tistax tinzamm responsabbli kriminalment. Dan id-divjet ma jezistix fil-kamp civili.

Hija cara li l-azzjoni attrici hija imsejsa fuq in-nuqqasijiet tal-kumpanija li tadempixxi l-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha u ma jirrizulta l-ebda imputazzjoni rigward xi nuqqas li setghu ghamlu l-konvenuti fil-kwalita personali taghhom milli bhala impjegati/Diretturi tal-istess kumpanija.

[5] Principji Diritto Civile Vol. XVI. p 225

Huma ma jistghux, civilment, iwiegbu personalment ghan-nuqqasijiet tal-kumpanija li hija persuna legali kapaci biex twiegeb ghal dawn l-addebiti fi proceduri civili.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi milqugha.

**DANNI**

L-incident sehh fl-24 ta' Awwissu 1998 meta l-attur kellu 21 sena. Kellu paga basika ta' Lm50 fil-gimgha *piu`* Lm41.40 fil-gimgha li kien jircievi bhala hlas ta' sahra, bonuses u Sibtijiet.

Skont l-FS3 tieghu esebiti a fol 220 sa 222 il-paga tieghu *gross* kienet hekk:

| | |
|---|---|
| 1997 | Lm3,752 |
| 1998 | Lm3,474 |

Fis-sena 1999 kien gja korra u ghalhekk dan id-dokument mhuwiex riflessjoni tad-dhul tieghu qabel l-incident.

**Grad ta' Dizabbilta` Permanenti**

Ikkonsidrat li ma hemmx kontestazzjoni li l-attur sofra dizabbilta` permanenti u li, mill-provi, jirrizulta wkoll li minnkejja li ghadda minn

interventi kirurgici, baqa' b'nuqqas ta' sensistivita` fis-swaba' kif ukoll deformita permanenti fis-swaba. Skont ix-xhieda ta' Mr. F.X. Darmanin, il-kirurgu li operah, l-attur wegga' f'idu ix-xellugija, li mhix il-*dominant hand* izda minhabba l-korriment ma jkunx jista' jaghmel xoghol ta' precizjoni izda jkun jista' jaghmel xoghol goff ad ez. garr ta' oggetti.

Dwar il-grad ta' dizabbilta`, l-Qorti ser tapplika l-grad ta' dizabbilta` li sab l-espert mediku mahtur waqt dawn il-proceduri (rapport a fol 66 *et seq.)*, il-Konsulent Kirurgu Charles Swain li kkonkluda li l-attur ghandu dizabbilta` permanenti kagun tal-incident li sofra fuq ix-xoghol li "*m'hemmx cans li titranga".* Il-grad ta' dizabbilta` li sab jammonta ghal 7%.

Tinnota li ma saritx talba ghall-hatra ta' periti perizjuri biex dan ir-rapport jigi kkontestat skont il-procedura.

**<u>Lucrum Cessans</u>**

Ma jirrizultax li l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni ta' spejjez imhallsa ossia *damnum emergens* u ghalhekk il-Qorti ser tindirizza l-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans.*

Rigward dan il-punt, hu assodat fil-gurisprudenza taghna li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"*Michael Butler vs Peter Christopher Heard*" -** A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat origini ghalhekk imsejha *multiplier system* gew aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti, peress li, kif intqal fil-kawza **"*Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et*"-** A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira*

*taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Din is-sistema, ghalkemm mhix perfetta, izda, dejjem serviet bhala linja ta' gwida ghall-Qrati taghna, fl-assenza ta' soluzzjonijiet ohra, peress li hu ghaqli li tinzamm certu uniformita' fis-sentenzi. Madanakollu l-Qrati taghna jikkustodixxu b'rigorozita' l-jedd li japplikaw gudizzju iktar ampju u wiesa diskrezzjonali sabiex jigi zgurat il-gustizzja kemm mad-danneggjat kif ukoll ma' min jitqies responsabbli ghall-hsara.

Ghalhekk insibu li l-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli *o meno* rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' "***Butler vs Heard".*** Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "*l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi". -* "***Savona vs Asphar*"**: App. deciza fit-23 ta' Gunju 1952*; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut*." ("***Emanuel Mizzi vs Carmel Attard"***:-13.5.2003); u li "*dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabbilta'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta`" -* "***Francis Sultana vs John Micallef et noe". et*" -** Appell : 20.7.1994).

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the `contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122).**

Minbarra dan, il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qieghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqisx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident, illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[6]

Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App.Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet "***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri")*** u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.

[6] Ara ukoll. **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"-** App. dec. fis- 26 ta' Lulju 1991; **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991)

L-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti ghandha thares lejn "ic-*chances and changes of life" -* ***"Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace"*** (Q.A. tal-5 ta' Marzu 1986) fejb intqal illi: *"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja."*

In linja ta' massima, izda, kif inghad mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza "***Borg pro et noe vs Muscat":***

*"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn".*

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneġġjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kunċett ta' "pain and suffering", ġiet meħuda wkoll *oltre* f'ċerti pronunzjamenti mill-Qrati tagħna, fosthom "***Mary Bugeja vs George Agius***"[7] li sostniet illi: "*Il-Qrati fil-pronunċjamenti tagħhom dwar il-kriterji li għandhom jintużaw biex jippruvaw jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'każijiet simili, dejjem jagħtu lok għalihom li qatt ma jirrinunżjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom*." Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruħha li taqbel li għandu jkun hemm ċerta elastiċita' ta' kriterju għaliex il-pronunzjament huwa wieħed ta' probabbilta' "*Id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss li meta tingħata b'sentenza mhix aktar soġġetta għall-ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta*'".

[7] App. dec. fis-26 ta' Lulju 1991

Din l-istess vina ġiet segwita fil-kawżi "***Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine***" (Dec. fil-11 ta' Lulju 1989) u "***Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine***" fejn ingħad illi:

*"Il-Ġustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terġa' tpoġġi l-vittma, ta' kwalsiasi att inġust, fl-istat li kienet qabel. Huwa nġust li f'dawn il-każijiet, u fejn ir-restituzzjoni fiżika tal-ġisem u s-saħħa tal-vittma tal-att illegali u nġust ta' ħaddieħor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-eżerċizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bażi ta' statistika u nduzzjoni*".

Illi aktar jidher ċar li abbażi tal-liġi tagħna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesgħa mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u għalkemm ċerti prinċipji għandhom jeżistu, u fil-fatt jeżistu għas-soluzzjoni tal-istess, dawn ċertament ma humiex assoluti, u l-Qorti żgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, speċjalment meta r-riżultat tal-applikazzjoni tagħhom ma jwassalx għall-kumpens reali u adegwat.

**Kalkolazzjoni tal-*Lucrum Cessans***

Applikati dawn il-principji jirrizulta li l-attur kellu 21 sena meta sehh l-incident u kien impjegat mas-socjeta` konvenuta b'rata ta' paga bazika ta' Lm100 kull hmistax ossia Lm2640 fis-sena. (**DOK PS2 u PS3).** Ma' dan l-attur qed jitlob ukoll li jigu kkalkolati l-hlas ghas-*sahra* u *production bonus.*

Il-Qorti hija wkoll soddisfatta li l-attur kien jinkrementa l-paga tieghu bi dhul regolari mis-sahra u *bonuses*. Kif jirrizulta min-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, dawn kienu jawmentaw il-paga bazika tieghu b'Lm41.50 fil-gimgha kontra paga basika ta' Lm50 fil-gimgha. B'hekk id-dhul totali tieghu huwa kkalkolat bir-rata ta' Lm91.50 fil-gimgha ossia Lm4,758 (€11,083) fis-sena.

Il-konvenuti, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, ma jikkontestawx l-ammont ccitat izda jopponu ghaz-zieda peress li jghidu li dawn huma diskrezzjonali ghall-*employer*. Difatti l-Qorti tifhem li s-sahra tiddependi mill-htigijiet tal-produzzjoni, u l-istess il-*production bonus.*

Izda indubbjament id-dhul regolari tal-attur kien jinkludi d-dhul mis-sahra, b'mod li kieku dan id-dhul kien jonqos, l-attur kien ikollu l-opportunita' u l-ghazla li jfittex impieg iehor b' kondizzjonijiet ahjar. Minhabba l-incident, m'ghadx ghandu l-privilegg u beneficcju ta' din l-ghazla u huwa kostrett li jimpjega ruhu fejn isib. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex izzid mal-*basic wage* tal-attur id-dhul li kien igawdi regolarment mill-*overtime.*

Il-Qorti hija wkoll soddisfatta li l-attur kien jinkrementa d-dhul tieghu jekk seta' jibqa' jaghmel xoghol tas-sena. Izda dan mhuwiex possibbli minhabba li id-dizabbilta` tieghu hija ta' xkiel ghal xoghol ta' precizjoni. Ghalhekk minhabba l-griehi li sofra, huwa impedut milli javvanza fix-xoghol u difatti xehed li kien qed jahdem bhala *delivery man.*

Illi kif gie deciz minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza fl-ismijiet "***Galea v. Fenech" -*** deciza fis-16 ta' Marzu 2004, "*Meta d-danni jirrapprezentaw kumpens ghal telf futur, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu percepit fid-data tal-incident progettat fuq il-firxa tas-snin maghzula bhala "multiplier*".

**Il-minhabba l-eta zghira li kellu l-attur, il-Qorti ser taddotta zieda ta' 12% fuq il-paga ta' €11083 cioe €1329.96 (zieda ta' 12%) li iggib ammont ta' €12412.96. B'kollox ghalhekk il-*multiplier* ghandu jinhadem fuq paga ta' €238.71 fil-gimgha.**

Peress li l-attur kellu 21 meta sehh l-incident, il-Qorti ser tadotta *multiplier* ta' 44 sena billi l-eta` ta' rtirar u l-hajja lavorattiva tal-bniedem illum il-gurnata zdiedet ghal 65 sena. L-attur issa jahdem f'xoghol ta' strapazz,(*delivery man)* izda l-potenzjal ghax-xoghol tieghu gie mnaqqas direttament b'effett tal-incident u anke l-kapacita` tieghu biex itejjeb il-kondizzjonijiet tal-impieg.

Il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghal dak ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet ***"George Gatt -v- Francis Carbone" -*** dec. fis-7 ta' Lulju 1998 fejn il-Qorti sabet hekk:

*"Il-fatt li llum l-appellat qed jahdem u qed jaqla' aktar milli kien jaqla' qabel ma korra ma jfissirx li l-appellat ma setax isib opportuntajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korriex. Id- dizabbilta` necessarjament timplika nuqqas fl-appellat fil-potenzjal tieghu ghax-xoghol mhux biss mal-appellant stess imma ma' terzi jew anke li jahdem ghar-rasu. Wiehed ghandu ragjonevolment jassumi li d-dizabbilta` ma taghtix vantaggi anzi taghti zvantaggi bhal ma huwa li wiehed ikollu jibqa' f'impieg fejn korra*

*ghax haddiehor li mhux responsabbli ghad-dizabbilta` ma jkunx ippreparat li joffrilu xoghol alternattiv b'rimunerazzjoni ahjar minn dak attwali, li kien jista' forsi ikun offert kieku ma kellux dizabbilta` "*

Ghalhekk fid-dawl tal-premess, l-ammont totali dovut lill-attur bhala kumpens ghal-*lucrum cessans* huwa s-segwenti:

| | |
|---|---|
| 44 sena x €238.71 x 52 gimgha | €546,168 |
| 7% dizabbilta' | **€38,231** |
| **Total dovut f'*lucrum cessans*** | **€ 38,231** |

**<u>Tnaqqis minhabba *lump sum payment*</u>**

Illi dwar it-tnaqqis dovut ghall-hlas ta' *lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "***Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe."*** (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995, gie deciz hekk:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-'lump sum payment' il-Qorti............ jidhrilha li... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Aktar ricentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"*Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri*"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irribadiet li "*Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba 'lump sum payment 'id-dekors taz-*

*zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"*Jos Agius v All Services Ltd*"** (P.A. (TM) 1809/01 deciz fit-2 ta' Gunju '05) "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza*."

Illi fil-kaz odjern ghaddew 16-il sena mid-data tal-incident u ghalhekk fuq l-iskorta tal-gurisprudenza citata mhu ser isir ebda tnaqqis. Kif gie kostantament ritenut dan mhux qed isir biex jiġi penaliżżat il-konvenut imma għax mhux possibbli li jiġi degretat il-ħlas tal-imgħax mid-data meta ġiet kaġunata l-ħsara. (Ara sentenzi fl-ismijiet "***Caruana vs Camilleri***"[8]; "***Desira vs Cassar***"[9]; "***Gauci Raymond pro et noe vs Galea Christopher***"[10] u "**Joseph Bartolo pro et noe et vs George Zammit**"[11]).

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-ammont globali li ghandu jircievi r-rikorrenti huwa **€38,231.**

---

[8] 36 Prim Awla, 5 t'Otubru 1993.

[9] 37 Prim Awla, 13 ta' Jannar 1995

[10] 38 Prim Awla, 26 t'April 2001.

[11] 39 Prim Awla, 30 t'April 2001.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa' it-tieni eccezzjoni** sollevata mill-konvenuti Raymond Scicluna u Martin Calleja u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, **tichad** l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, u tiddisponi mit-talbiet attrici billi:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici fis-sens biss li tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-incident li fih l-attur sofra dizabbilta` permanenti.

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici fis-sens biss li tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, inkluz telf ta' qligh.

3. **Tilqa'** it-tielet talba attrici u tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, mitejn u wiehed u tletin ewro (**€38,231).**

4. **Tilqa'** ir-raba' talba attrici fis-sens biss li tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas id-danni hekk likwidati u dikjarati bhala dovuti.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta salv l-ispejjez ghall-konvenuti Martin Calleja u Raymond Scicluna li jigu sopportati mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------